Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HENRIK SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2016[1]

**Kawża C-119/15**

**Biuro podróży "Partner" Sp. z o.o., Sp. komandytowa w Dąbrowie Górniczej**
**vs**
**Prezes Urzędu Ochrony Konkurencji i Konsumentów**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsovie, sezzjoni ċivili, il-Polonja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KE — Direttiva 2009/22/KE — Effet erga omnes ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali malli din il-klawżola tiġi iskritta f'reġistru pubbliku — Sanzjoni pekunjarja imposta fuq il-bejjiegħ jew fornitur li jkun uża tali klawżola jew klawżola ekwivalenti fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu mingħajr ma dan ikun ipparteċipa fil-proċedura li tirrigwarda l-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt għal smigħ"

## I – **Introduzzjoni**

1. Deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola li tkun tinsab f'kuntratt ma' konsumatur tista' evidentement ikollha natura vinkolanti bħala preċedent ġuridiku. L-Istati Membri jistgħu madankollu jagħtu lil tali deċiżjoni effett *erga omnes*, b'mod li jorbtu lil bejjiegħa jew fornituri li ma jkunux ipparteċipaw fil-proċedura? Din hija d-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn bejjiegħ jew fornitur u l-awtoritajiet Pollakki għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa fuq dan il-bejjiegħ jew fornitur minħabba li fil-kuntratti tiegħu mal-konsumaturi huwa juża klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa li huma ekwivalenti għal klawżoli li preċedentement ġew meqjusa inġusti u li huma inklużi, bħala tali, f'reġistru pubbliku, minkejja li dan il-bejjiegħ jew fornitur ma pparteċipax fil-proċedura li wasslet għall-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli li huma inklużi fir-reġistru.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja prinċipalment fuq il-punt dwar jekk, fis-sustanza, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE[2], moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22/KE[3], jipprekludux leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża li biha din il-qorti hija adita.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

3 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, p. 30).

4. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tistabbilixxi, għall-ewwel darba, il-limiti tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri fil-kuntest tad-Direttiva 93/13 u l-bilanċ ġust bejn il-protezzjoni effikaċi tal-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti u d-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur, iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

#### 1. Id-Direttiva 93/13

5. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

2. Klawżola għandha dejjem tiġi kkunsidrata li ma tkunx ġiet innegozjat individwalment meta din tkun ġiet abbozzata minn qabel u l-konsumatur b'hekk ma jkunx seta' jinfluwenza s-sustanza tal-klawżola, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel.

[…]

Meta xi bejjiegħ jew fornitur jippretendi li klawżola standard ikun ġie nnegozjat b'mod individwali, il-piż tal-prova f'dan ir-rigward għandu jaqa' fuqu.

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6. Għal dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu."

7. L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

8. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu disposizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli.

3. Biex jitqiesu kif imiss il-liġijiet nazzjonali, ir-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 2 jisgħu jkunu diretti b'mod separat jew b'mod konġunt kontra numru ta' bejjiegħa jew fornituri mill-istess settur ekonomiku jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom li jużaw jew jirrakkomandaw l-użu ta' l-istess klawżoli kuntrattwali ġenerali jew klawżoli simili."

9. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar stretti minn dawk previsti f'din id-direttiva, sakemm dawn ikunu kompatibbli mat-Trattat.

10. L-Artikolu 8a(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi kif ġej[4]:

"1. Meta Stat Membru jadotta dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 8, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan, kif ukoll bi kwalunkwe modifika sussegwenti, b'mod partikolari fejn dawk id-dispożizzjonijiet:

[…]

ikun fihom listi ta' termini tal-kuntratt li għandhom jitqiesu bħala inġusti."

2. Id-Direttiva 2009/22

11. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/22, fil-verżjoni tiegħu li kienet fis-seħħ fil-mument tal-fatti tal-kawża prinċipali, bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi li:

"1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati ma' azzjonijiet għal inġunzjoni li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 2 immirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi inklużi fid-Direttivi elenkati fl-Anness I, bil-għan li tkun żgurata l-ħidma t-tajba tas-suq intern.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, ksur għandu jfisser kull att kuntrarju tad-Direttivi elenkati fl-Anness I li jinbidlu bl-ordni legali interna tal-Istati Membri li jagħmlu l-ħsara lill-interessi kollettivi li saret riferenza għalihom fil-paragrafu 1."

12. L-Anness I tad-Direttiva 2009/22, intitolat "Lista tad-direttivi koperti mill-Artikolu 1" isemmi, fil-punt 5, id-Direttiva 93/13.

4 — L-Artikolu 8a kien għadu ma kienx fis-seħħ fil-mument tal-fatti tal-kawża prinċipali. Dan l-artikolu ġie għalhekk introdott mid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64). Fi kliem l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2011/83, din tapplika għall-kuntratti konklużi wara t-13 ta' Ġunju 2014.

13. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/22 intitolat "Azzjonijiet għal inġunzjoni", jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi kompetenti li jirregolaw l-proċeduri li jinbdew minn entitajiet kwalifikati fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3 li jfittxu:

a) li jwaqqfu jew jimpedixxu kwalunkwe ksur, bil-ħeffa kollha meħtieġa, fejn xieraq permezz ta' proċedura sommarja;

b) fejn ikun il-każ, li jiksbu miżuri bħalma huma l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, kollha kemm hi jew parti minnha, fit-tali forma li tinftiehem li hi adegwata u/jew il-pubblikazzjoni ta' stqarrija korrettiva bil-għan li jiġu eleminati l-effetti kontinwi tal-ksur;

c) safejn tippermetti s-sistema legali tal-Istat Membru konċernat, li jikkundannaw lill-konvenut telliefi għall-ħlasijiet għal ġewwa l-erarju pubbliku jew għal kull benefikant nominat jew previst fil- jew taħt il-leġislazzjoni nazzjonali, fl-eventwalità ta' nuqqas li jikkonforma mad-deċiżjoni f'limitu ta' żmien speċifikat mill-qrati jew awtoritajiet amministrattivi, ta' ammont fiss għal kull ġurnata ta' dewmien jew kull ammont ieħor li hemm provdut għalih fil-leġislazzjoni nazzjonali bil-għan li tkun żgurata l-konformità mad-deċiżjonijiet."

B – *Id-dritt Pollakk*

1. Il-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi

14. L-Artikolu 24(1) u l-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-Ustawa o ochronie konkurencji i konsumentów (liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi), tas-16 ta' Frar 2007 (Dz. U. Nru 50, pożizzjoni 331), fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdu li[5]:

"1. L-użu ta' prattiċi li jippreġudikaw l-interessi kollettivi tal-konsumaturi huwa pprojbit.

2. Prattika li tippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi tfisser kull aġir illegali ta' bejjiegħ jew fornitur li jhedded dawn l-interessi, b'mod partikolari:

1) l-użu ta' klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li huma inklużi fir-reġistru tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa illegali, imsemmi fl-Artikolu 479 [45] tal-liġi tas-17 ta' Novembru 1964, dwar il-kodiċi ta' proċedura ċivili (Dz. U., Nru 43, pożizzjoni 296, kif emendata)."

15. L-Artikolu 26(1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi jipprovdi li:

"1. Meta l-[president tal-uffiċċju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi] jikkonstata l-ksur tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 24, huwa għandu jieħu deċiżjoni li tiddikjara li l-prattika inkwistjoni tippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi u jeżiġi t-twaqqif tagħha […]"

5 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi huwa adattazzjoni tad-dritt Pollakk għad-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Mejju 1998, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 43), li ġiet imħassra u ssostitwita mid-Direttiva 2009/22 b'effett mid-29 ta' Diċembru 2009.

16. Il-punt 4 tal-Artikolu 106(1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi jipprovdi li:

"1. Il-[president tal-uffiċċju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi] jista', permezz ta' deċiżjoni, jimponi fuq il-bejjiegħ jew fornitur multa li l-ammont tagħha ma għandux jaqbeż l-10 % tad-dħul mill-bejgħ magħmul fis-sena finanzjarja ta' qabel is-sena tal-impożizzjoni tal-multa, meta dak il-bejjiegħ jew fornitur, anki jekk biss b'mod involontarju:

[…]

4) għamel użu minn prattika li tippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi fis-sens tal-Artikolu 24."

2. Il-kodiċi ta' proċedura ċivili

17. L-Artikoli $479^{42}$(1), $479^{43}$ u $479^{45}$(1) sa (3) tal-Ustawa – Kodeks postępowania cywilnego (liġi dwar il-kodiċi tal-proċedura ċivili) tas-17 ta' Novembru 1964 (Dz. U. tal-2014, pożizzjoni 101), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' proċedura ċivili"), jipprovdu li[6]:

"Artikolu $479^{42}$

1. Jekk it-talba tintlaqa', il-qorti tirriproduċi, fid-dispożittiv tad-deċiżjoni tagħha, il-kontenut tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa illegali u tipprojbixxi l-użu tagħhom.

Artikolu $479^{43}$

Id-deċiżjoni definittiva tipproduċi l-effetti tagħha fir-rigward ta' terzi mal-inklużjoni tal-klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa illegali fir-reġistru msemmi fl-Artikolu $479^{45}$(2).

Artikolu $479^{45}$

1. Kopja tad-deċiżjoni definittiva li tilqa' t-talba għandha tintbagħat mill-qorti lill-[president tal-uffiċċju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi].

2. Il-[president tal-uffiċċju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi] għandu, abbażi tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, iżomm ir-reġistru tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa illegali.

3. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 2 huwa pubbliku."

## III – **Il-fatti u l-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

18. Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2011, il-president tal-Urząd Ochrony Konkurencji i Konsumentów (uffiċċju tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"UOKiK") impona multa ta' 21 127 zlotys Pollakki (PLN) (madwar EUR 4 940) fuq il-kumpannija HK Zakład Usługowo Handlowy "Partner" Sp. z o.o. (iktar 'il quddiem "HK Partner"), li teżerċita attività ekonomika, fost l-oħrajn, fil-qasam tas-servizzi turistiċi. Din id-deċiżjoni ġiet adottata

6 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu $479^{42}$(1), l-Artikolu $479^{43}$ u l-Artikolu $479^{45}$(1) sa (3) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili ġew introdotti fid-dritt Pollakk sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 93/13.

skont l-Artikolu 24(1) u l-punt 1 tal-Artikolu 24(2) kif ukoll skont il-punt 4 tal-Artikolu 106(1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, minħabba li HK Partner użat klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' vjaġġi meqjusa li huma ekwivalenti għal klawżoli li qabel tqiesu illegali, u li tniżżlu fir-reġistru pubbliku tal-klawżoli inġusti, imsemmi fl-Artikolu 479[45](2) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili (iktar 'il quddiem ir-"reġistru tal-klawżoli inġusti") [7].

19. HK Partner ressqet azzjoni kontra d-deċiżjoni tal-president tal-UOKiK tat-22 ta' Novembru 2011 quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie – Sąd Ochrony Konkurencji i Konsumentów (qorti reġjonali ta' Varsavja – qorti tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, iktar 'il quddiem is-"SOKiK"), billi talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni u, b'mod sussidjarju, it-tnaqqis tas-sanzjoni pekunjarja. Matul il-proċedura quddiem is-SOKiK, HK Partner ġiet diviża u b'riżultat ta' dan ir-rikorrenti, il-kumpannija Biuro podróży "Partner" Sp. Z o.o. (iktar 'il quddiem il-"Biuro podróży Partner"), ħadet id-drittijiet u l-obbligi kollha ta' HK Partner marbutin mal-attività turistika. Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2013, is-SOKiK ċaħdet l-azzjoni billi qablet mal-evalwazzjoni tal-president tal-UOKiK fir-rigward tal-ekwivalenza tal-klawżoli użati minn HK Partner mal-klawżoli li jinsabu fir-reġistru tal-klawżoli inġusti.

20. Il-Biuro podróży Partner appellat quddiem is-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili, il-Polonja") fejn talbet l-annullament tad-deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2011 tal-president tal-UOKiK u, b'mod sussidjarju, l-annullament tad-deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2013 tas-SOKiK u r-rinviju tal-kawża quddiem dik il-qorti biex tiġi eżaminata mill-ġdid.

21. Peress li s-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili) kellha xi dubji rigward l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikoli 6(1) u 7 tad-[Direttiva 93/13], u tal-Artikoli 1 u 2 tad-[Direttiva 2009/22], l-użu ta' klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li l-kontenut tagħhom huwa ekwivalenti għal dak ta' klawżoli meqjusa illegali jista' jitqies, fir-rigward ta' professjonist [bejjiegħ jew fornitur] ieħor li ma pparteċipax fil-proċedura li wasslet għall-inklużjoni fir-reġistru ta' klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali meqjusa illegali, bħala aġir illegali li, fid-dawl tad-dritt nazzjonali, jikkostitwixxi prattika li tippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi u li, fil-proċedura amministrattiva nazzjonali, jiġġustifika l-impożizzjoni ta' multa?

2. Fid-dawl tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 [TFUE], qorti tat-tieni istanza li d-deċiżjoni tagħha, mogħtija fl-appell, tista' tkun is-suġġett ta' appell ta' kassazzjoni, kif inhu previst [mill-Kodiċi ta' proċedura ċivili tar-Repubblika tal-Polonja], hija qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu appellati taħt id-dritt intern, jew hija s-Sąd Najwyższy (Qorti suprema, [il-Polonja]), li għandha l-kompetenza sabiex tisma' appell ta' kassazzjoni?"

22. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċara tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE [8], it-tieni domanda preliminari ma tqajjem punti ta' liġi ġodda. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi ttrattata biss l-ewwel domanda preliminari li hija l-unika waħda li ma ġietx ittrattata qabel.

7 — Ninnota li l-kelma "inġusta" ma tinsabx fil-leġiżlazzjoni Pollakka li tuża minflok il-kelma "illegali" (ara l-punti 14 sa 17 ta' dawn il-konklużjonijiet). Nazzarda madankollu li nippreżumi li ż-żewġ kelmiet għandhom l-istess tifsira, minħabba li l-leġiżlazzjoni Pollakka ġiet adattata għad-dritt tal-Unjoni. Il-klawżoli kkontestati użati minn HK Partner jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-parteċipant, jiġifieri l-konsumatur, minħabba d-danni li jseħħu tort tiegħu jew tort tal-persuni taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dwar l-esklużjoni tar-responsabbiltà ta' HK Partner waqt li jseħħu ċerti avvenimenti kif ukoll dwar in-nuqqas ta' rimbors tal-valur tas-servizzi li l-parteċipant ma jużax. Bħala eżempju, waħda mill-klawżoli kkontestati jaqraw kif ġej: "[HK Partner] ma tirrimborżax il-valur tas-servizzi li l-parteċipant ma jużax minħabba raġunijiet imputabbli lilu".

8 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2002, Lyckeskog (C-99/00, EU:C:2002:329, punti 16 sa 19) u tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punti 75 sa 79).

23. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Pollakk kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Gvern Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni ppartecipaw fis-seduta li saret fid-9 ta' Marzu 2016.

## IV – **Analiżi ġuridika**

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

#### 1. Dwar is-sistema Pollakka għall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti

24. Qabelxejn, jeħtieġ li jingħataw ftit dettalji fuq is-sistema Pollakka għall-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti, li timplementa tliet tipi ta' kontroll tal-klawżoli inġusti, jiġifieri kontroll individwali, kontroll *in abstracto* u kontroll amministrattiv [9].

25. Il-kontroll individwali jiġi eżerċitat f'każ ta' kawżi quddiem il-qrati ordinarji bejn il-konsumaturi u bejjiegħa jew fornituri fir-rigward tan-natura inġusta tal-klawżoli li jitniżżlu fil-kuntratti partikolari. Id-deċiżjoni ġudizzjarja dwar kontroll individwali torbot biss lill-partijiet fil-proċedura.

26. Min-naħa l-oħra, il-kontroll *in abstracto* jiġi eżerċitat minn qorti speċjalizzata, jiġifieri s-SOKiK, u huwa suġġett għal proċedura partikolari rregolata, fost l-oħrajn mill-Artikolu $479^{42}$(1), mill-Artikolu $479^{43}$ u mill-Artikolu $479^{45}$ (1) sa (3) tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili [10]. Dan il-kontroll, li jirrigwarda biss il-klawżoli li jitniżżlu f'kundizzjonijiet ġenerali, għandu bħala għan li jelimina l-klawżoli li huma ta' natura inġusta. L-evalwazzjoni tas-SOKiK hija bbażata fuq il-formulazzjoni tal-klawżola kkontestata u hija għaldaqstant indipendenti mill-mod li bih tintuża din il-klawżola fil-kuntratti partikolari [11]. Is-SOKiK tista', fost l-oħrajn, tkun adita minn kull konsumatur, kemm jekk dan ikun marbut bil-kuntratt kif ukoll jekk le, mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu għad-difiża tal-interessi tal-konsumaturi u kif ukoll mill-president tal-UOKiK [12].

27. Meta s-SOKiK tiddeċiedi fuq in-natura inġusta ta' klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali fil-kuntest ta' kontroll *in abstracto*, hija tirriproduċi fid-dispożittiv tad-deċiżjoni, skont l-Artikolu $479^{42}$(1) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, il-kontenut tal-klawżola kkontestata u tipprojbixxi l-użu tagħha. Id-deċiżjoni definittiva li tilqa' t-talba tiġi mbagħad ippubblikata u l-klawżola meqjusa inġusta titniżżel fir-reġistru tal-klawżoli abbużivi li jinżamm mill-president tal-UOKiK. Skont il-Gvern Pollakk, meta klawżola titniżżel fir-reġistru, ma jkunx possibbli li din tiġi kkorreġuta jew li titneħħa mir-reġistru.

28. Il-kontroll amministrattiv huwa, skont il-Gvern Pollakk, marbut strettament mal-kontroll *in abstracto*, peress li jimplementa d-deċiżjonijiet tas-SOKiK. Fil-fatt, waqt il-kontroll amministrattiv, il-president tal-UOKiK jeżamina jekk il-klawżola kkontestata hijiex identika jew ekwivalenti għal klawżola kuntrattwali mniżżla fir-reġistru tal-klawżoli inġusti, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kontenut

9 — L-espożizzjoni segwenti tas-sistema Pollakka hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, ikkompletata mill-Gvern Pollakk, li ma tidhirx li hija kkontestata. Ara, f'dak li jikkonċerna s-sistema Pollakka, Trzaskowski, R., *Skutki uznania postanowienia wzorca umowy za niedozwolone i jego wpisu do rejestru w sferze przeciwdziałania praktykom naruszającym zbiorowe interesy konsumentów (art. 24 ust. 2 pkt 1 u.o.k.i.k.) w świetle orzecznictwa Sądu Ochrony Konkurencji i Konsumentów*, Prawo w działaniu sprawy cywilne, 20/2014, p. 123. Jidher li s-sistema Pollakka ta' protezzjoni tal-konsumaturi ġiet emendata bl-Ustawa o zmianie ustawy o ochronie konkurencji i konsumentów oraz niektórych innych ustaw (liġi li temenda l-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi u ċerti liġijiet oħrajn), tal-5 ta' Awwissu 2015 (Dz. U. 2015, pożizzjoni 1634). Din l-emenda, madankollu, daħlet fis-seħħ biss fis-17 ta' April 2016, fejn il-proċeduri mibdija qabel din id-data jiġu segwiti skont ir-regoli preeżistenti (Artikolu 8 ta' din il-liġi).

10 — Ara l-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 — Skont il-Gvern Pollakk, is-SOKiK tistabbilixxi, waqt il-kontroll *in asbtracto*, il-"portata normattiva" tal-klawżola inkwistjoni.

12 — Skont l-Artikolu $479^{38}$ (1) u (2) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, il-kontroll *in abstracto* jista' jinbeda wkoll minn medjatur reġjonali għall-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, minn organizzazzjoni barranija mniżżla fil-lista tal-organizzazzjonijiet li huma kkwalifikati li fl-Istati Membri jibdew azzjoni għall-konstatazzjoni tan-natura illegali tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali, lista li hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni.

tal-klawżola kkontestata u tal-effetti tagħha għall-konsumatur. Biex ikun hemm l-ekwivalenza, ma huwiex meħtieġ li l-kontenut tal-klawżoli pparagunati jkun identiku. Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-klawżola kkontestata tikkorrispondi mal-każ tal-klawżola mniżżla f'dak ir-reġistru. Il-bejjiegħ jew fornitur li l-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali tiegħu jkunu s-suġġett ta' kontroll amministrattiv ġeneralment ma għandux il-possibbiltà li jikkontesta n-natura inġusta tal-klawżola kkontestata, fiċ-ċirkustanzi partikolari, imma biss l-ekwivalenza tagħha għal klawżoli li jkunu diġà mniżżla fir-reġistru.

29. Meta l-president tal-UOKiK jikkonstata ksur tal-projbizzjoni prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi [13], huwa jordna, permezz ta' deċiżjoni, it-twaqqif tal-prattika li tippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi u, eventwalment, l-impożizzjoni ta' multa fuq il-bejjiegħ jew fornitur skont il-punt 4 tal-Artikolu 106(1) ta' din il-liġi.

30. Id-deċiżjonijiet tal-president tal-UOKiK huma suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju magħmul mis-SOKiK bħala qorti tal-ewwel istanza u mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili) bħala qorti tat-tieni istanza [14]. Mid-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li dan l-istħarriġ ġudizzjarju għandu bħala għan mhux li jeżamina n-natura inġusta tal-klawżola kkontestata, imma biss l-ekwivalenza tagħha għal klawżoli oħra li jinsabu fir-reġistru tal-klawżoli inġusti.

### 2. Fuq il-portata tal-ewwel domanda preliminari

31. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li jeżistu dubji dwar l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, u tal-Artikolu $479^{43}$ tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili [15], li jqajmu diverġenzi kemm fil-ġurisprudenza kif ukoll fil-kummentarji. Skont il-qorti tar-rinviju, hemm żewġ teżijiet li jaffaċċjaw lil xulxin fuq dan is-suġġett.

32. Skont l-ewwel teżi, difiża mill-president tal-UOKiK, fil-kawża prinċipali, u li hija bbażata fuq qari litterali tal-Artikolu $479^{43}$ tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili, id-deċiżjonijiet mogħtija mis-SOKiK fil-kuntest tal-kontroll *in abstracto* għandhom effett *erga omnes* fir-rigward ta' kull bejjiegħ jew fornitur, malli jitniżżlu fir-reġistru tal-klawżoli inġusti [16] (iktar 'il quddiem l-"ewwel teżi ta' interpretazzjoni").

33. Skont it-tieni teżi, kif deskritta mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Pollakk, deċiżjoni tas-SOKiK li tikkonstata l-illegalità ta' klawżola ta' kundizzjonijiet penerali tikkonċerna biss il-klawżola konkreta kkonċernata mill-proċedura u torbot biss lill-partijiet fil-kawża.

13 — Skont il-formulazzjoni tiegħu, il-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi jirrigwarda l-"użu ta' klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li huma mniżżla fir-reġistru". Skont il-Gvern Pollakk, jirriżulta madankollu mill-ġurisprudenza tas-Sąd Najwyższy (qorti suprema) u tas-SOKiK li l-użu tal-klawżoli "ekwivalenti" huwa wkoll meqjus li jippreġudika l-interessi kollettivi tal-konsumaturi fis-sens ta' dan l-artikolu.

14 — Huwa possibbli wkoll li wara jiġi ppreżentat appell fil-kassazzjoni quddiem is-Sąd Najwyższy (qorti suprema).

15 — Il-qorti ta-rinviju tagħmel riferiment, f'dan ir-rigward, għall-Artikolu $479^{43}$(2). Jidhirli li huwa evidenti madankollu li dan huwa żball fil-kitba, peress li l-imsemmi paragrafu 2 ma jinsabx fl-espożizzjoni tad-dritt nazzjonali pprovduta mill-qorti tar-rinviju u lanqas fl-osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk u tal-Kummissjoni.

16 — F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tagħmel id-distinzjoni bejn l-effetti "suġġettivi" u "oġġettivi" ta' deċiżjoni li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, fejn l-ewwel sett jirrigwarda l-fatt li l-effetti tad-deċiżjoni huma estiżi għall-persuni li ma kinux partijiet fil-proċedura quddiem is-SOKiK, u t-tieni sett jirrigwarda l-fatt li d-deċiżjoni tipproduċi l-effetti tagħha fir-rigward kemm tal-klawżoli identiċi kif ukoll dawk ekwivalenti.

34. Il-qorti tar-rinviju tqis li, biex jiġu interpretati korrettament id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, ħaġa li tiġġustifika t-talba għal deċiżjoni preliminari. B'mod iktar speċifiku, din il-qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, kif ukoll l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22, jipprekludux il-leġiżlazzjoni Pollakka applikabbli kif interpretata skont l-ewwel teżi ta' interpretazzjoni u, b'mod partikolari, jekk tali interpretazzjoni hijiex konformi mad-dritt fundamentali għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur.

35. Għalkemm fil-kuntest tal-proċedura mibdija fuq il-bażi tal-Artikolu 267 TFUE, ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, inkluż fuq l-għażla bejn iż-żewġ modi ta' interpretazzjoni, u lanqas fuq il-kompatibbiltà tar-regoli ta' dritt intern mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, peress li dawn huma obbligi esklużivament tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tkun qiegħda tiddeċiedi fuq ir-rinviju preliminari, għandha ġurisdizzjoni li tagħti lill-qorti nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni kollha li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jippermettu lill-qorti nazzjonali tevalwa l-kompatibbiltà ta' regoli tad-dritt nazzjonali mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni [17].

36. Infakkar, f'dan ir-rigward, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmel dak kollu fil-ġurisdizzjoni tagħha biex tinterpreta r-regoli nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test kif ukoll l-għan tad-dritt tal-Unjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u filwaqt li tapplika l-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnha, sabiex tiggarantixxi l-effettività sħiħa tad-Direttiva 93/13 u tasal għal soluzzjoni konformi mal-għan intiż minnha [18].

37. Minkejja l-formulazzjoni tal-ewwel domanda preliminari, jidhirli li din il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-Direttiva 93/13 fl-intier tagħha, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Karta, b'mod partikolari mill-Artikolu 47 tagħha li jirrigwarda d-dritt għal smigħ. Infakkar, f'dan ir-rigward, li bl-għan li tipprovdi risposta utli għall-qorti li ressqet quddiemha domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' titwassal sabiex tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma għamlitx riferiment għalihom fid-domanda tagħha [19].

38. Għaldaqstant, id-domanda preliminari għandha tinftiehem, fil-fehma tiegħi, bħala li tistaqsi jekk id-Direttiva 93/13, moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22 u mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-impożizzjoni ta' multa fuq bejjiegħ jew fornitur li juża, fil-kuntratti tiegħu mal-konsumaturi, klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li jitqiesu ekwivalenti għall-klawżoli diġà meqjusa inġusti u mniżżla, minħabba f'hekk, f'reġistru pubbliku, minkejja li dan il-bejjiegħ jew fornitur ma pparteċipax fil-proċedura li wasslet għall-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu fir-reġistru.

17 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-26 ta' Novembru 2014, Mascolo *et* (C-22/13, C-61/13 sa C-63/13 u C-418/13, EU:C:2014:2401, punti 81 u 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fid-dawl tal-ġurisprudenza tas-Sąd Najwyższy (qorti suprema), jidhirli li l-qorti tar-rinviju għandha ċerta marġni ta' diskrezzjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.

19 — Ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Medipac-Kazantzidis (C-6/05, EU:C:2007:337, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

## B – *Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13*

### 1. Rimarki ġenerali

39. Is-sistema ta’ protezzjoni implementata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f’sitwazzjoni ta’ inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew fornitur fir-rigward kemm tas-setgħa ta’ negozjar kif ukoll tal-livell ta’ informazzjoni[20]. F’dan ir-rigward, l-Artikoli 6 u 7 ta’ din id-direttiva jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw “mezzi adegwati u effettivi” biex jitwaqqaf l-użu ta’ klawżoli inġusti f’kuntratti konklużi mal-konsumaturi[21] u li jipprovdu li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi, billi, fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, itendu “li [j]issostitwixx[u] l-bilanċ formali stabbilit mill-kuntratt bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b’bilanċ reali ta’ natura li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom”[22].

40. Ftit li xejn hemm dubju li sistema bħalma hija prevista mil-leġiżlazzjoni Pollakka hija adatta biex tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi[23]. Bl-għoti ta’ effett *erga omnes* lid-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest ta’ kontroll *in abstracto* u bil-fatt li tiġi permessa l-impożizzjoni ta’ multi sostanzjali[24] fuq il-bejjiegħa jew fornituri, tali sistema toħloq ostakolu effikaċi u rapidu għall-użu ta’ klawżoli meqjusa inġusti kif ukoll ta’ klawżoli simili li għandhom effett negattiv simili għall-konsumatur. Barra minn hekk, tali sistema tipprekludi l-evażjoni tal-leġiżlazzjoni permezz ta’ modifiki żgħar, ta’ natura redazzjonali u stilistika, tal-klawżoli diġà pprojbiti[25].

41. Kif isostni l-Gvern Pollakk, id-Direttiva 93/13 ma tipprovdix mudell partikolari li għandu jiġi applikat mill-Istati Membri sabiex jitwaqqaf l-użu tal-klawżoli inġusti. Hija lanqas ma tippreċiża l-effett ġuridiku ta’ konstatazzjoni tan-natura inġusta ta’ klawżola kuntrattwali, peress li d-Direttiva hija bbażata fuq il-prinċipju ta’ awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. L-Artikolu 6(1) ta’ din id-direttiva jirreferi għaldaqstant għall-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri[26], u l-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva jawtorizza wkoll l-adozzjoni jew iż-żamma

20 — Ara s-sentenzi tal-14 ta’ April 2016, Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 22) u tad-29 ta’ Ottubru 2015, BBVA (C-8/14, EU:C:2015:731, punti 17 u 19 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali hija obbligata tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta’ klawżola kuntrattwali li taqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva peress li hija għandha l-punti ta’ liġi u ta’ fatt neċessarji għal dan il-għan. Ara s-sentenzi tal-21 ta’ April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 62); tal-4 ta’ Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 35); tad-9 ta’ Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659, punt 56); u tal-14 ta’ Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 46). Fir-rigward tal-portata ta’ dan l-obbligu tal-qorti nazzjonali, ara s-sentenzi tal-14 ta’ Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349); tat-18 ta’ Frar 2016, Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2016:98), u tat-30 ta’ Mejju 2013, Jőrös (C-397/11, EU:C:2013:340), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2015:769) u tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Banco Primus (C-421/14, EU:C:2016:69).

21 — Ara wkoll ir-raba’ u l-wieħed u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13.

22 — Ara s-sentenzi tad-29 ta’ Ottubru 2015, BBVA (C-8/14, EU:C:2015:731, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-21 ta Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata); u tal-14 ta Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 għandu jitqies li huwa regola ekwivalenti għar-regoli nazzjonali li għandhom, fis-sistema legali nazzjonali, il-grad ta’ regoli ta’ ordni pubbliku. Ara, f’dan ir-rigward, is-sentenzi tas-6 ta’ Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, EU:C:2009:615, punt 52), u tat-30 ta’ Mejju 2013, Asbeek Brusse u de Man Garabito (C-488/11, EU:C:2013:341, punt 44).

23 — L-għan li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi huwa wkoll stabbilit fl-Artikolu 169(1) TFUE u fl-Artikolu 38 tal-Karta.

24 — Skont il-punt 4 tal-Artikolu 106(1) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, il-multi imposti jistgħu jitilgħu sa 10 % tad-dħul mill-bejgħ tal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat. Ara l-punt 16 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

25 — Il-Gvern Pollakk jenfasizza l-fatt li waħda mil-ikbar diffikultajiet biex jitwaqqfu l-klawżoli inġusti hija l-faċilità tagħhom ta’ diffużjoni u ta’ riproduzzjoni minn bejjiegħa jew fornituri oħra u l-użu mill-ġdid tagħhom wara “rtokki kosmetiċi”.

26 — Ara, f’dan ir-rigward, is-sentenza tal-21 ta’ Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 26). Il-modalitajiet proċedurali tal-Istati Membri għandhom madankollu jirrispondu għall-kundizzjoni doppja li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw is-sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt nazzjonali (prinċipju ta’ ekwivalenza) u li ma jrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-konsumaturi mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta’ effettività). Ara s-sentenzi tal-21 ta’ Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 25) u tad-29 ta’ Ottubru 2015, BBVA (C-8/14, EU:C:2015:731, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tad-dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti minn dawk previsti f'din id-direttiva[27]. Madankollu minn dan ma jirriżultax li l-Istati Membri jgawdu libertà assoluta biex jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti applikabbli għall-klawżoli inġusti. Kif jirriżulta mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu kompatibbli mat-trattat.

42. Issa, b'kuntrast ma' dak li jsostni l-Gvern Pollakk, jidhirli li sistema bħalma hija dik irrakkomandata mid-difensuri tal-ewwel teżi ta' interpretazzjoni ma hijiex konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13, moqrija fid-dawl tal-Karta. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'l isfel intiżi li jirrispondu għall-argumenti mressqa mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni.

2. Fuq l-evalwazzjoni konkreta u individwali tan-natura inġusta

a) Fuq l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13

43. Mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jirriżulta li n-natura inġusta ta' klawżola li tkun tinsab fil-kuntratti ma' konsumatur tiġi evalwata "billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu"[28].

44. Għaldaqstant, għal dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tan-natura inġusta, klawżola kuntrattwali ma tistax tkun iżolata mill-kuntest tagħha. Din l-evalwazzjoni, għaldaqstant, ma hijiex assoluta, imma pjuttost relattiva, inkwantu hija tiddependi fuq il-fatti partikolari li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-kuntratt[29], inkluż l-effett kumulattiv tal-klawżoli kollha tal-kuntratt[30].

45. Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li hija ma tistax tippronunzja ruħha fuq l-applikazzjoni tal-kriterji ġenerali użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex tiddefinixxi l-kunċett ta' klawżola inġusta għal klawżola partikolari li għandha tiġi eżaminata skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, evalwazzjoni li għandha ssir mill-qorti nazzjonali[31].

27 — Ara, wkoll, is-sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 40), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li s-sanzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta, prevista fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma teskludix tipi oħra ta' sanzjonijiet adegwati u effikaċi previsti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali.

28 — Ara, wkoll, il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 93/13, fejn jingħad li huwa "meħtieġ li jiġu ffissati b'mod ġenerali l-kriterji li bihom jiġi stmat il-karattru inġust ta' klawżoli tal-kuntratti", u s-sittax, it-tmintax u d-dsatax-il premessa li jsemmu l-elementi li jistgħu jiġu kkunsidrati f'dan ir-rigward, jiġifieri, *inter alia*, ir-rekwiżit ta' *bona fide*, is-saħħa tal-pożizzjonijiet rispettivi ta' negozjar tal-partijiet, in-natura tal-oġġetti jew servizzi, is-suġġett prinċipali tal-kuntratt u r-rapport kwalità/prezz.

29 — Ara s-sentenzi tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 41); tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209, punti 21 u 22), u tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 66).

30 — Ara s-sentenza tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 95).

31 — Ara s-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209, punt 22) u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 42). Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punt 24), li klawżola miktuba minn qabel minn bejjiegħa jew fornituri li għandha bħala għan li tagħti ġurisdizzjoni għal kull kwistjoni li toħroġ mill-kuntratt lill-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha jkun jinsab is-sede tal-bejjiegħ jew fornitur, tissodisfa l-kriterji kollha biex tkun tista' tikkwalifika bħala inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13, jirriżulta mill-ġurisprudenza sussegwenti li dik il-kawża kienet tirrigwarda każ eċċezzjonali ħafna. Ara s-sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209, punti 22 u 23) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kawża Océano kienet tirrigwarda "klawżola għall-benefiċċju esklużiv tal-bejjiegħ jew fornitur u mingħajr korrispettiv għall-konsumatur, li tippreġudika, ikun x'ikun it-tip tal-kuntratt, l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li d-[Direttiva 93/13] tirrikonoxxi lill-konsumatur. Għaldaqstant kien possibbli li tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' din il-klawżola mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi kollha marbutin mal-konklużjoni tal-kuntratt u lanqas li jiġu evalwati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi marbutin ma' din il-klawżola fid-dritt nazzjonali applikabbli għall-kuntratt".

46. Klawżola kuntrattwali tista' għaldaqstant titqies li hija inġusta f'ċerti ċirkustanzi iżda ma tkunx hekk f'oħrajn [32], partikolarment fid-dawl tal-prezz imħallas mill-konsumatur [33]. L-evalwazzjoni tan-natura inġusta tista' wkoll tinbidel maż-żmien minħabba bdil tad-dritt applikabbli għall-kuntratt [34].

47. Evidentement, jeżistu klawżoli kuntrattwali manifestament inġusti, ħaġa li tiffaċilita l-evalwazzjoni li għandha tagħmel il-qorti nazzjonali skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, mingħajr madankollu ma titneħħa n-natura konkreta ta' din l-evalwazzjoni. Tali klawżoli spiss ikunu jiksru wkoll ir-regoli imperattivi tal-liġijiet nazzjonali tal-konsumatur jew tal-kuntratti.

48. Deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li tikkonstata, b'mod ġenerali, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali jew in-nuqqas ta' konformità ta' din mar-regoli imperattivi jkollha evidentement, inkwantu preċedent, effetti indiretti sinjifikattivi fuq bejjiegħa jew fornituri oħra li jużaw, fil-kuntratti tagħhom mal-konsumaturi, klawżoli identiċi jew simili, fejn tali bejjiegħa jew fornituri jkollhom naturalment jistennew evalwazzjoni simili waqt xi stħarriġ ġudizzjarju li jirrigwarda l-kuntratti tagħhom. Xorta waħda jibqa' l-fatt li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tvarja minn kuntratt għall-ieħor skont iċ-ċirkustanzi partikolari u d-dritt applikabbli li jikkonċernaw il-kuntratt u l-klawżola kkonċernati.

49. Konsegwentement, sistema li tipprovdi, b'mod ġenerali, li n-natura inġusta tal-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali tkun stabbilita darba għal dejjem, waqt proċedura ġudizzjarja *in abstracto*, jidhirli li hija diffiċli, jekk mhux impossibbli, biex tkun irrikonċiljata mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, peress li dan tal-aħħar jeżiġi li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tkun konkreta u bbażata fuq ċirkustanzi partikolari.

### b) Fuq il-lista tal-klawżoli inġusti li jinsabu fl-anness tad-Direttiva 93/13

50. Id-Direttiva 93/13 tinkludi, fl-anness tagħha, lista li l-Artikolu 3(3) tagħha jikklassifika bħala "lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti" [35].

32 — Ara, b'mod simili, il-punt 72, nota 46 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi magħquda Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:15), li jirrileva li "klawżola kuntrattwali tista' ma tkunx abbużiva b'mod astratt iżda abbużiva f'ċerti ċirkustanzi biss; jew tista' tkun potenzjalment abbużiva, iżda peress li tkun ġiet innegozjata individwalment f'sitwazzjoni partikolari, tkun torbot lill-konsumatur inkwistjoni".

33 — Nirrileva, pereżempju, li klawżola li tistipula, bħal f'dan il-każ, li aġenzija tal-ivvjaġġar ma tirrimborsax il-valur tas-servizzi li l-parteċipant ma jużax minħabba raġunijiet imputabbli lilu, tista' titqies li hija inġusta f'ċerti ċirkustanzi, b'mod partikolari fid-dawl tal-prezz għoli tas-servizzi mħallas mill-konsumatur. Min-naħa l-oħra, jekk il-konsumatur kiseb tnaqqis kunsiderevoli fir-rigward tal-valur fis-suq tas-servizzi inkwistjoni, ir-riżultat tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' tali klawżola jista' faċilment ikun differenti. Jirriżulta mid-dsatax-il premessa tad-Direttiva 93/13 li r-rapport kwalità/prezz, anki jekk ma jkunx huwa stess, skont l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, is-suġġett tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli oħra.

34 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209, punt 21). Ara, ukoll, il-punt 30 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2003:504), li jiddikjara li huwa possibbli li "klawżoli tal-istess tip ikollhom konsegwenzi legali differenti fid-diversi sistemi legali nazzjonali".

35 — Skont il-kliem tas-sbatax-il premessa tad-Direttiva 93/13, din il-lista "[t]ista' [t]kun is-suġġett ta' amplifikazzjoni jew ta' editjar aktar restrittiv mill-Istati Membri fil-liġijiet nazzjonali tagħhom". Ara, ukoll, is-sentenzi tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 70).

51. Il-Kummissjoni kienet oriġinarjament ipproponiet lista verament "sewda" tal-klawżoli meqjusa inġusti dejjem, imbagħad lista "griża" tal-klawżoli preżunti inġusti. Dan l-approċċ madankollu ma sabx is-sostenn tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li għadda biex għażel lista purament indikattiva[36]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li "[k]lawżola li tidher hemmhekk ma għandhiex neċessarjament tiġi kkunsidrata bħala inġusta u [li], għall-kuntrarju, klawżola li ma tidhirx hemmhekk tista' madankollu tiġi ddikjarata inġusta"[37].

52. L-għażla tal-leġiżlatur fir-rigward tan-natura tal-lista turi sewwa, fil-fehma tiegħi, id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-identifikazzjoni tal-klawżoli li jkunu dejjem inġusti, inkluż għal klawżoli bħalma huma dawk li jinsabu f'dik il-lista li jitqiesu li huma partikolarment problematiċi fir-rigward tal-iżbilanċ maħluq għad-detriment tal-konsumatur[38]. Dan jimmanifesta ruħu wkoll fil-flessibbiltà li joffri t-test tal-lista[39].

c) Fuq il-possibbiltà li jiġu adottati listi nazzjonali tal-klawżoli inġusti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13

53. Meta, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, Stat Membru "jadotta dispożizzjonijiet [...] [li j]kun fihom listi ta' termini tal-kuntratt [klawżoli kuntrattwali] li għandhom jitqiesu bħala inġusti", huwa għandu, skont l-Artikolu 8a(1) ta' din id-direttiva, l-obbligu li jinforma b'dan lill-Kummissjoni[40]. B'kuntrast mal-lista indikattiva li tinsab fl-anness ta' din id-direttiva, il-listi nazzjonali adottati skont l-Artikolu 8 jista' jkollhom effett vinkolanti, kemm jekk huma "suwed" kif ukoll jekk huma "griżi"[41].

54. L-espressjoni "jadotta dispożizzjonijiet", li tinsab fl-Artikolu 8a(1) tad-Direttiva 93/13, timplika madankollu, fil-fehma tiegħi, li tali lista nazzjonali għandha tkun stabbilita b'mod leġiżlattiv, jiġifieri b'liġi jew b'regoli amministrattivi adottati skont il-liġi. Il-mekkaniżmu stabbilit bl-Artikolu 8 u bl-Artikolu 8a(1) ta' din id-direttiva jimplika għaldaqstant li l-leġiżlatur għandu jifformula bi preċiżjoni

36 — Ara l-Artikolu 2(2) u t-tnax-il premessa tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumatur, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 1990 [KUMM(90) 322 finali], il-proposta eżaminata mill-ġdid tas-26 ta' Jannar 1993 fuq l-Emenda Nru 4 [KUMM(93) 11 finali], il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 1992 u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 1992 lill-Parlament Ewropew fuq il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (SEC(92) 1944 finali – SYN 285), ippubblikati fil-*Journal of Consumer Policy*, 1992, 15, p. 473 sa 491. Fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta eżaminata mill-ġdid, il-Kummissjoni tirrileva li l-adozzjoni ta' lista "sewda", "sa ċertu punt, ma taqbilx mal-formulazzjoni attwali tal-klawżoli tal-anness b'mod partikolari fid-dawl tat-termini diskrezzjonarji li jinsabu f'ħafna klawżoli".

37 — Ara s-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, EU:C:2004:209, punt 20), u tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, EU:C:2002:281, punt 20). F'din tal-aħħar, li tirrigwarda t-traspożizzjoni fid-dritt Svediż tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 21, li "l-lista li tinsab fl-anness tad-direttiva ma hijiex intiża li tagħti lill-konsumaturi d-drittijiet li jisbqu lil dawk li jirriżultaw mill-Artikoli 3 sa 7 tad-direttiva. Hija ma tbiddel xejn mir-riżultat li għalih timmira d-direttiva u li, bħala tali, tobbliga lill-Istati Membri". Ara, ukoll, is-sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 26), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li "[g]ħalkemm il-kontenut tal-anness [...] ma huwiex ta' natura li jistabbilixxi awtomatikament u fih innifsu n-natura inġusta ta' klawżola kontenzjuża, madankollu huwa jikkostitwixxi element essenzjali li fuqu l-qorti kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta ta' din il-klawżola".

38 — F'din il-lista nsibu, fost oħrajn, klawżoli li għandhom bħala għan jew effett li jeskludu jew jillimitaw ir-responsabbiltà legali tal-bejjiegħ jew fornitur f'każ ta' mewt tal-konsumatur jew ta' danni fiżiċi kkaġunati lilu, li jirriżultaw minn xi att jew ommissjoni ta' dak il-bejjiegħ jew fornitur, li jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali tal-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni jew ta' eżekuzzjoni difettuża mill-bejjiegħ jew fornitur ta' xi obbligi kuntrattwali, li jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew fornitur li jittermina l-kuntratt b'mod diskrezzjonarju minkejja li l-istess fakultà ma tingħatax lill-konsumatur, li jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew fornitur sabiex ibiddel unilateralment it-termini tal-kuntratt u li jelimina jew jostakola l-eżerċizzju ta' azzjoni ġudizzjarja jew ir-rimedji ġudizzjarji tal-konsumatur.

39 — Din il-lista fiha għaldaqstant espressjonijiet bħalma huma "b'mod mhux xieraq", "somma sproporzjonatament għolja", "twissija raġonevoli", "raġunijiet serji", "l-iskadenza [...] tkun kmieni b'mod mhux raġonevoli", "mingħajr raġuni valida" u "għoli wisq", li jrendu possibbli, jew neċessarja, evalwazzjoni konkreta f'kull każ. Ara l-anness tad-Direttiva 93/13, punt 1(b), (e), (g), (h) u (j) sa (l).

40 — Infakkar li l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi informata, skont l-Artikolu 8a tad-Direttiva 93/13, japplika biss għall-kuntratti konklużi wara t-13 ta' Ġunju 2014. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-proposta inizjali għad-Direttiva 2011/83, mill-Kummissjoni, kienet tipprevedi t-tħassir totali tad-Direttiva 93/3 [KUMM(2008) 614 finali] u l-introduzzjoni, fl-Artikoli 34 u 35 ta' din il-proposta, kemm ta' lista "sewda" li fiha klawżoli inġusti li jitqiesu li huma inġusti fiċ-ċirkustanzi kollha kif ukoll lista "griża" li fiha klawżoli li jitqiesu inġusti, sakemm il-bejjiegħ jew fornitur ma jurix li dawn ma humiex hekk. L-approċċ tal-Kummissjoni, madankollu, ma kellux is-sostenn tal-Kunsill. Isir riferiment, b'mod partikolari, għall-emendi proposti fin-nota, punt "A", li saret mis-Segretarjat ġenerali tal-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010 [2008/0196(COD)] u għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2012, C 390, p. 145), li tissostitwixxi l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Marzu 2011 (ĠU 2012, C 247, p. 55).

41 — Il-Kummissjoni affermat, waqt is-seduta, li ċerti Stati Membri użaw il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13, meta adottaw il-listi nazzjonali "suwed" jew "griżi".

l-klawżoli pprojbiti jew preżunti inġusti billi, bir-reqqa, ibbilanċja l-interessi differenti u xi kultant opposti, u li l-imsemmija klawżoli għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Nirrileva li l-proċedura leġiżlattiva, li tista' tinvolvi lill-partijiet interessati, ittendi min-natura tagħha għall-adozzjoni ta' regoli ġenerali u astratti.

55. Issa, sistema bħalma hija dik proposta mid-difensuri tal-ewwel teżi ta' interpretazzjoni tawtorizza fil-fatt lill-qrati nazzjonali, iktar milli lil-leġiżlatur, sabiex jistabbilixxu, każ b'każ, lista "sewda" li abbażi tagħha jista' jkun ippenalizzat l-użu ta' klawżoli identiċi jew ekwivalenti. F'dan il-kuntest, il-klawżoli meqjusa inġusti jiddaħħlu waħda wara l-oħra fir-reġistru tal-klawżoli inġusti li fir-realtà huwa redatt mill-bejjiegħa jew fornituri. Minn dan jirriżulta ċar li tali sistema ma hijiex paragunabbli mal-adozzjoni tal-listi nazzjonali awtorizzati bl-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13.

56. Barra minn hekk, jidhirli li huwa diffiċli li tali sistema tiġi rrikonċiljata mal-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni, stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta u li jeżiġi li l-liġi tiddefinixxi b'mod ċar il-ksur u l-pieni li jirreprimuh [42].

57. Fid-dawl tan-numru sinjifikattiv u dejjem jikber tal-iskrizzjonijiet fir-reġistru tal-klawżoli inġusti [43], din is-sistema tqajjem ukoll dubji fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali li jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [44], fejn il-bejjiegħa jew fornituri bilfors ikollhom diffikultajiet biex jidentifikaw is-sitwazzjoni legali li fiha huma jaġixxu u biex jipprevedu l-konsegwenzi. Dawn id-dubji huma partikolarment serji għal dak li jikkonċerna l-possibbiltà li jiġi ssanzjonat l-użu ta' klawżoli li huma biss "ekwivalenti" għall-klawżoli mniżżla fir-reġistru [45].

### 3. Fuq id-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur

58. Marbuta mill-qrib mal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, dwar l-evalwazzjoni konkreta tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, hija l-kwistjoni tad-dritt ta' bejjiegħ jew fornitur li jirrifjuta n-natura inġusta tal-klawżoli li huwa juża fi-kuntratti mal-konsumaturi.

59. Minn qari *a contrario sensu* tal-Artikolu 3(1) ta-Direttiva 93/13 jirriżulta li klawżola kuntrattwali ma titqiesx li hija inġusta jekk hija kienet is-suġġett ta' negozjati individwali [46]. F'dan ir-rigward, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva jipprovdi li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-bejjiegħ jew fornitur li jippretendi li klawżola standardizzata kienet is-suġġett ta' negozjati individwali. Minn dan niddeduċi li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-bejjiegħ jew fornitur, bħala minimu, id-dritt li juri li l-klawżola kkontestata kienet is-suġġett ta' negozjati individwali u li, konsegwentement, ma hijiex inġusta, fil-każ partikolari, fis-sens ta' din id-direttiva.

42 — Ara s-sentenza tal-31 ta' Marzu 2011, Aurubis Balgaria (C-546/09, EU:C:2011:199, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata), li tirrigwarda l-impożizzjoni tal-interessi moratorji fuq dejn supplimentari fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

43 — Skont il-Kummissjoni, iktar minn 6 300 klawżola jinsabu diġà mniżżla fir-reġistru tal-klawżoli inġusti, li minnhom 300 tniżżlu bejn ix-xahar ta' Lulju 2015 u nofs ix-xahar ta' Marzu 2016.

44 — Ara s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 100). Fir-rigward tad-Direttiva 93/13, ara s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, EU:C:2002:281, punt 18).

45 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax jekk l-effett *erga omnes* previst fl-Artikolu 479[43] tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili għandux jiġi applikat b'mod *retroattiv*, jiġifieri għall-kuntratti konklużi qabel id-deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata n-natura inġusta tal-klawżola kkonċernata. Jekk dan huwa l-każ, it-tħassib tiegħi dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali jsir evidentement iktar qawwi.

46 — Ara, ukoll, it-tnax-il premessa tad-Direttiva 93/13. Il-Kummissjoni kienet inizjalment ipproponiet li d-direttiva tkun applikabbli kemm għall-klawżoli tipiċi kif ukoll għall-klawżoli nnegozjati individwalment. Ara l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 1990 [KUMM(90) 322 finali] u r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-20 ta' Novembru 1991 li tinkludi l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, Emenda Nru 9 (ĠU 1991, C 326, p. 108).

60. Id-dritt tal-bejjiegħ jew fornitur, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 93/13, li jipprovdi argumenti u provi biex jeħles mill-oneru tal-prova, jidhirli li jifforma parti mid-dritt iktar ġenerali u iktar wiesa' li joħroġ mill-Artikolu 47 tal-Karta, li fid-dawl tiegħu għandhom jinqraw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 [47].

61. L-Artikolu 47 tal-Karta jiggarantixxi lil kull persuna [48], fis-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta [49], id-dritt għal smigħ, kemm matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll matul il-proċedura ġudizzjarja [50]. Skont kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan id-dritt jinkludi l-possibbiltà għal persuni kollha li jesprimu ruħhom, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tagħhom qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li għandha mnejn taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħhom, sakemm l-awtorità kompetenti tkun f'pożizzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod effettiv l-informazzjoni rilevanti kollha [51]. Dan japplika, evidentement, għal deċiżjoni li timponi sanzjoni pekunjarja fuq bejjiegħ jew fornitur.

62. Fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju bħalma huwa dak imsemmi fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, id-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur iservi żewġ funzjonijiet distinti. Fl-ewwel lok, huwa jagħti lill-bejjiegħ jew fornitur il-possibbiltà li jipprova li ċ-ċirkustanzi partikolari li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-kuntratt ikkonċernat kienu differenti minn dawk diġà evalwati fil-proċedura preċedenti li stabbilixxiet in-natura inġusta ta' klawżola identika jew ekwivalenti. Fit-tieni lok, id-dritt għal smigħ jagħti lill-bejjiegħ jew fornitur il-possibbiltà li jinvoka motivi, kemm jekk ta' natura fattwali jew legali, li ma jkunux ġew invokati, indipendentement mir-raġuni għal dan, waqt il-proċedura preċedenti *in abstracto*, u li jikkoreġi żbalji mwettqa matul din il-proċedura [52].

63. Minn dan nikkonkludi li d-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur fil-kuntest tad-direttiva 93/13 ma jistax ikun limitat għall-punt dwar jekk il-klawżola kkontestata kinitx suġġetta għal negozjati individwali, imma għandu jinkludi kull element rilevanti għall-evalwazzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, tan-natura inġusta ta' din il-klawżola [53]. Għaldaqstant, il-bejjiegħ jew fornitur għandu jkollu wkoll il-possibbiltà li jipprova li l-klawżola kkontestata ma toħloqx, fiċ-ċirkustanzi partikolari, żbilanċ sinjifikattiv għad-detriment tal-konsumatur, billi juri, b'mod partikolari, li l-effett dannuż ta' din il-klawżola huwa bbilanċjat bi klawżoli oħrajn tal-istess kuntratt jew mill-prezz imnaqqas imħallas mill-konsumatur [54].

64. Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Pollakk, jidhirli li sistema bħal dik li tirriżulta mill-ewwel teżi ta' interpretazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni biżżejjed id-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur, peress li dan tal-aħħar ma għandux il-possibbiltà, la matul il-kontroll amministrattiv u lanqas matul l-istħarriġ ġudizzjarju quddiem is-SOKiK u s-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili), li jinvoka l-assenza,

47 — Infakkar li l-Istati Membri huma wkoll obbligati josservaw it-Trattat, inkluż id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, meta jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti minn dawk previsti mid-Direttiva 93/13, ħaġa li toħroġ ukoll mill-Artikolu 8 ta' din id-direttiva.

48 — L-espressjoni "kull persuna" tindika li d-dritt japplika kemm għall-persuni fiżiċi u kif ukoll għall-persuni ġuridiċi. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB (C-279/09, EU:C:2010:811, punt 59), u d-digriet tat-13 ta' Ġunju 2012, GREP (C-156/12, mhux ippubblikat, EU:C:2012:342, punt 38).

49 — Ninnota li, fid-dawl tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, ma hemmx dubju li din tal-aħħar tapplika f'din il-kawża.

50 — Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt għal smigħ huwa stabbilit mhux biss bl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' kull proċedura ġudizzjarja, imma wkoll bl-Artikolu 41 tagħha, li jiżgura d-dritt għal amministrazzjoni tajba. Ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, M. (C-277/11, EU:C:2012:744, punti 81 u 82 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalkemm l-Artikolu 41 tal-Karta ma huwiex indirizzat lill-Istati Membri imma biss lill-istituzzjonijiet, lill-organi u lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, min-naħa l-oħra, jifforma parti integrali mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 32 sa 34 u 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 36 u 37 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-17 ta' Marzu 2016, Bensada Benallal (C-161/15, EU:C:2016:175, punt 33). Marbut mill-qrib mad-dritt għal smigħ, il-prinċipju ta' kontradittorju jikkostitwixxi wkoll prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni. Ara s-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punti 29 u 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 37).

53 — Min-naħa l-oħra, skont il-formulazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 93/13, ir-regola partikolari li biha l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-bejjiegħ jew fornitur hija limitata għas-suġġett tan-negozjati individwali.

54 — Ara n-nota fil-qiegħ tal-paġna 33 ta' dawn il-konklużjonijiet fuq id-dsatax-il premessa tad-Direttiva 93/13.

fiċ-ċirkustanzi partikolari, tan-natura inġusta tal-klawżola kkontestata u li jġib prova ta' dan[55]. Kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, dawn il-proċeduri ma għandhomx bħala suġġett il-kontroll tan-natura inġusta tal-klawżola kkontestata nnifisha, imma biss l-ekwivalenza għal klawżoli li jinsabu fir-reġistru tal-klawżoli inġusti.

65. Għalkemm, kif isostni l-Gvern Pollakk, ma jistax jiġi eskluż li l-qrati nazzjonali, meta jeżaminaw l-ekwivalenza bejn il-klawżola kkontestata u dik li tinsab fir-reġistru tal-klawżoli abbużivi, jikkunsidraw il-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13[56], xorta waħda jibqa' l-fatt li din l-evalwazzjoni, fi kwalunkwe każ, għandha l-għan biss li tistabbilixxi l-istat identiku jew l-ekwivalenza taż-żewġ klawżoli[57] u li l-bejjiegħ jew fornitur ma jistax jikkontesta n-natura inġusta nnifisha tal-klawżola kkontestata billi jirreferi għaċ-ċirkustanzi partikolari, inkluż in-negozjati individwali tal-klawżola kkontestata, jew għall-argumenti ġodda li ma ġewx invokati waqt il-kontroll *in abstracto*. F'tali sistema, id-dritt tal-bejjiegħ jew fornitur previst fl-Artikolu 47 tal-Karta huwa suġġett, għaldaqstant, għal restrizzjonijiet sinjifikattivi[58].

66. B'mod parallel, il-kompetenza tal-qorti li tagħmel l-istħarriġ ġudizzjarju hija limitata kunsiderevolment, ħaġa li tqajjem minnha nfisha kwistjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta li jeżiġi "rimedju effettiv"[59]. Barra minn hekk, tali sistema tippreġudika wkoll id-dritt tal-konsumatur li jirrinunzja għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' klawżola inġusta[60].

67. Ċertament, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, id-dritt għal smigħ jista' jinvolvi restrizzjonijiet sakemm dawn jikkorrispondu b'mod effettiv għal għanijiet ta' interess ġenerali segwiti u josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità[61]. F'dan ir-rigward, il-Gvern Pollakk isostni, fil-fehma tiegħi b'mod korrett, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija intiża li twaqqaf, malajr u b'mod effettiv, l-użu ta' klawżoli illegali fid-diversi sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu fis-suq u li tevita pluralità ta' proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw klawżoli ekwivalenti ta' kundizzjonijiet ġenerali użati mid-diversi bejjiegħa jew fornituri[62].

68. Issa, dawn il-kunsiderazzjonijiet, għalkemm ċertament li huma validi, ma jistgħux jiġġustifikaw, fil-fehma tiegħi, ir-restrizzjoni partikolarment serja tad-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur li tirriżulta mill-Artikolu 479[43] tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili u mill-punt 1 tal-Artikolu 24(2) tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi, kif interpretati skont l-ewwel teżi ta' interpretazzjoni, fid-dawl, ukoll, tan-natura mhux negliġibbli tal-multi li jistgħu jiġu imposti fuq il-bejjiegħ jew fornitur skont il-punt 4 tal-Artikolu 106(1) ta' din il-liġi[63].

55 — Ara, f'dan is-sens, il-punt 60 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Invitel (C-472/10, EU:C:2011:806). Din il-kawża hija ttrattata b'mod iktar dettaljat fil-punti 77 sa 83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

56 — Il-Gvern Pollakk isemmi, bħala eżempju, li s-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili) staqsiet, f'każ partikolari, fuq l-ekwivalenza ta' klawżoli kkontestati u ta' dawk imniżżla fir-reġistru, minkejja li dawn kienu litteralment jixxiebhu ħafna.

57 — Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 — Il-Gvern Pollakk isostni li l-evalwazzjoni waqt il-kontroll *in abstracto* hija preċiżament astratta u, konsegwentement, indipendenti minn kull ċirkustanza individwali, u li, anki jekk kull bejjiegħ jew fornitur li juża l-klawżola kkontestata seta' jeżerċita d-dritt għal smigħ tiegħu matul il-kontroll *in abstracto* li jippreċedi l-iskrizzjoni ta' dik il-klawżola fir-reġistru, dan ma jkollu ebda effett fuq ir-riżultat ta' din il-proċedura. F'dan ir-rigward, nirrileva li t-tħassib tiegħi fir-rigward tad-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur jikkonċerna mhux il-kontroll *in abstracto*, imma pjuttost il-kontroll amministrattiv u l-istħarriġ ġudizzjarju sussegwenti tal-prattiċi kummerċjali ta' bejjiegħa jew fornituri oħra.

59 — Ara, ukoll, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, EU:C:1986:206, punt 19), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti kompetenti jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

60 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 40).

61 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 — Ara, wkoll, il-punt 40, inkluża n-nota ta' qiegħ il-paġna 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

63 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. In-natura definittiva tal-inklużjoni tal-klawżoli fir-reġistru tal-klawżoli inġusti tikkorrobora wkoll il-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, kif interpretata skont l-ewwel teżi ta' interpretazzjoni, ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità[64].

70. Kif tafferma l-Kummissjoni, jidher li jeżistu miżuri alternattivi li jiffaċilitaw protezzjoni effikaċi tal-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti filwaqt li jiggarantixxu d-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jistgħux ikunu preklużi milli jimplementaw miżuri li jistabbilixxu preżunzjoni tan-natura inġusta ta' ċerti klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali[65], li l-użu tagħhom jista' jkun issanzjonat, sakemm il-bejjiegħ jew fornitur ma jurix, matul il-proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja, li ma humiex hekk fiċ-ċirkustanzi partikolari billi jipprova, partikolarment, li dawn kienu s-suġġett ta' negozjati individwali.

71. Barra minn hekk, l-assenza ta' effett *erga omnes* ma jfissirx li l-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali ma jkollhiex effett dissważiv, inkwantu bejjiegħa jew fornituri oħrajn ikollhom it-tendenza li jieqfu jużaw il-kundizzjonijiet analogi[66].

## C – *Fuq l-azzjonijiet kollettivi għall-waqfien*

### 1. Fuq l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 93/13

72. Kif tafferma l-Kummissjoni, id-Direttiva 93/13 tippermetti, skont l-Artikolu 7(2) u (3) tagħha, azzjonijiet kollettivi għall-waqfien li effettivament imorru lil hinn mir-relazzjoni kuntrattwali fis-sens li huma indipendenti minn kull kunflitt individwali u jistgħu jiġu introdotti mill-persuni u l-organizzazzjonijiet li għandhom interess leġittimu li jipproteġu lill-konsumaturi[67]. Kif tindika l-espressjoni "[m]ingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7" li tinsab fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(2) tal-istess direttiva huma ta' natura komplementari fir-rigward tal-azzjonijiet individwali[68].

73. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva jipprovdi għal kontroll *in abstracto* ta' natura preventiva u dissważiva[69] li huwa intiż li jiddetermina "jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti" filwaqt li l-Artikolu 7(3) tal-istess direttiva jippermetti li l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(2) ta' din tal-aħħar jistgħu jkunu diretti, b'mod separat jew b'mod konġunt, kontra diversi bejjiegħa jew fornituri tal-istess settur jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom.

64 — Waqt is-seduta, il-Gvern Pollakk ikkonferma li klawżola iskritta fir-reġistru tal-klawżoli inġusti ma tistax tkun korretta u lanqas imħassra.

65 — F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirrileva li s-sistema Pollakka, min-naħa l-oħra, jista' jkollha effett ekwivalenti għal preżunzjoni inkonfutabbli. Din id-deskrizzjoni ma jidhirlix li hija kompletament xierqa peress li l-Artikolu 479[43] tal-Kodiċi ta' proċedura ċivili, billi jtawwal l-effett ġuridiku tad-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-kontroll *in abstracto*, huwa ekwivalenti effettivament għal projbizzjoni totali tal-użu tal-klawżoli li huma identiċi jew ekwivalenti għal dawk iskritti fir-reġistru (u mhux biss għal preżunzjoni fir-rigward tan-natura illegali tagħhom).

66 — Ara, f'dan is-sens, ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2012, li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi [KUMM(2012) 635 finali, parti 3.1], fejn hemm indikat li "[g]ħal bosta partijiet interessati, il-fatt biss li jkun possibbli li jitressqu azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni għandu effett deterrenti inerenti fin-negozjati li jsiru ma' min ikun kiser il-leġiżlazzjoni. F'xi każijiet, min-naħa l-oħra, meta azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni jkollha suċċess u tiddikjara li l-prattika ta' kummerċjant hija llegali, negozjanti oħrajn għandhom it-tendenza li jibqgħu lura milli jużaw prattiċi simili, anki jekk dawn ma jkunux marbuta legalment bid-deċiżjoni".

67 — Ara s-sentenzi tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 29), u tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-azzjonijiet kollettivi jistgħu jiġu eżerċitati "minkejja li l-klawżoli li tintalab il-projbizzjoni tagħhom ma jkunux intużaw f'kuntratti speċifiċi".

68 — Ara, b'mod simili, il-punt 56 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi magħquda Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:15).

69 — Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 37).

74. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-azzjonijiet individwali u kollettivi għandhom, fil-kuntest tad-Direttiva 93/13 "għanijiet u effetti legali differenti"[70]. Barra minn hekk, skont it-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13, l-azzjonijiet kollettivi ma jimplikawx "verifika minn qabel tal-kondizzjonijiet ġenerali eżistenti f'setturi ekonomiċi individwali". Minn dan niddeduċi li l-kontroll *ex ante* magħmul fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva ma jistax jippreġudika l-kontroll *ex post* magħmul fil-kuntest ta' azzjoni individwali li jikkonċerna partijiet oħrajn[71], ħaġa li teskludi effettivament li l-effetti tad-deċiżjonijiet meħudin fi tmiem l-azzjonijiet kollettivi jiġu estiżi għall-bejjiegħa jew fornituri li ma pparteċipawx fil-proċedura[72].

75. Din il-konklużjoni hija msaħħa b'fattur ieħor li huwa l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 93/13. Għaldaqstant, ma jagħmilx sens, fil-fehma tiegħi, li tiġi permessa l-introduzzjoni ta' proċeduri bejn ħafna partijiet, skont dan il-paragrafu, jekk id-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-azzjonijiet kollettivi msemmija fl-Artikolu 7(2) tal-istess direttiva kienu jorbtu diġà b'mod vinkolanti lil kull bejjiegħ jew fornitur. Ix-xogħol preparatorju ta' din id-direttiva jimmilita wkoll favur l-interpretazzjoni li d-deċiżjonijiet meħudin matul l-azzjonijiet kollettivi għall-waqfien imsemmija fl-Artikolu 7(2) u (3) jorbtu biss lill-partijiet fl-azzjoni kollettiva partikolari[73].

76. Ċertament, għal dak li jikkonċerna l-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li rarament ikunu s-suġġett ta' negozjati individwali, l-evalwazzjoni li għandha ssir mill-qrati nazzjonali fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva u azzjoni individwali, rispettivament, tkun spiss simili, jekk mhux identika, minkejja li l-partijiet tal-azzjonijiet ma jkunux l-istess. Konsegwentement, id-deċiżjoni mogħtija fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva tikkostitwixxi preċedent b'saħħtu għall-evalwazzjoni li għandha ssir matul azzjoni individwali sussegwenti li tirrigwarda klawżola identika jew ekwivalenti u tista' wkoll toħloq preżunzjoni fir-rigward tan-natura inġusta ta' din il-klawżola. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li l-bejjiegħ jew fornitur li ma jkunx ipparteċipa fil-proċedura kollettiva ma għandux ikun imċaħħad mill-possibbiltà, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 47 tal-Karta, li jirrifjuta tali preżunzjoni fil-kuntest tal-azzjoni individwali.

## 2. Fuq il-portata tas-sentenza Invitel

77. Kif jenfasizzaw il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242), li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) ta' din id-direttiva, ma jipprekludix li jiġi estiż l-effett tad-deċiżjonijiet li jikkonstataw in-natura inġusta ta' klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali fil-kuntest ta' azzjoni

70 — Ara s-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 30). Filwaqt li l-azzjonijiet kollettivi huma indipendenti minn kull kunflitt individwali, il-konsumatur għandu d-dritt, fil-kuntest tal-azzjonijiet individwali, għal "teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw il-kawża tiegħu" (sentenza tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués u Drame Ba, C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 40).

71 — Ara, f'dan is-sens, il-punti 56 u 72 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawżi magħquda Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:15), fejn hemm speċifikat, fil-punt 56, li l-"mandati ta' inibizzjoni [azzjonijiet] kollettivi, li madankollu ma jistgħux jissostitwixxu l-azzjonijiet individwali jew ikunu ta' ostaklu għalihom" u, fil-punt 72, li "konsumatur li jiddeċiedi li jagixxi fuq bażi individwali ma għandux ikun direttament affettwat mid-deċiżjoni mogħtija fil-kuntest tal-proċedura kollettiva, anki jekk huwa evidenti li l-qorti li quddiemha tressqet l-azzjoni individwali ser tieħu konjizzjoni tagħha".

72 — Effettivament, kif tafferma l-Kummissjoni waqt is-seduta, leġiżlazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jikkonstataw in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandhom effett *erga omnes*, ma jidhirx li teżisti fi Stati Membri oħrajn. Ara, ukoll, *Compendium du droit de la consommation, analyse comparative (EC Consumer Law Compendium)*, magħmul fis-snin 2008 sa 2012 minn grupp ta' riċerkaturi internazzjonali għall-Kummissjoni (http://www.eu-consumer-law.org/index_fr.cfm). Mill-partie 2.C, Kapitolu VI, punt 3(c) fuq it-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-Direttiva 93/13, miktuba minn Ebers, M., jirriżulta li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva jorbtu biss, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, lill-bejjiegħa jew fornituri li huma parti fl-istanza. Ara, ukoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 84.

73 — Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 1990 ma kien fiha ebda dispożizzjoni li tikkorrispondi għall-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 93/13 adottata [KUMM(90) 322 finali]. Dan il-paragrafu ġie introdott fil-proposta emendata tal-Kummissjoni, tal-4 ta' Marzu 1992, li l-Artikolu 8(3) kien jipprovdi dan li ġej: "L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti jistgħu jkunu diretti, b'mod konġunt, kontra diversi persuni li jużaw jew li jkunu ppreparati juaw jew ukoll li jirrakkomandaw li jużaw l-istess klawżoli kuntrattwali ġenerali jew klawżoli identiċi; *id-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti torbot lill-kull persuna* (enfasi magħmul minni) [KUMM(92) 66 finali]." Matul il-proċedura leġiżlattiva, il-formulazzjoni tal-paragrafu ġiet emendata, fin-nuqqas tal-iċken indikazzjoni fir-rigward tal-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jestendi l-effett tad-deċiżjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 93/13.

għall-waqfien ikkontemplata fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva "fir-rigward tal-konsumaturi kollha li jkunu kkonkludew, mal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat, kuntratt li fir-rigward tiegħu japplikaw l-istess [kundizzjonijiet ġenerali], inkluż fir-rigward tal-konsumaturi li ma kinux parti fil-proċedura għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni"[74].

78. Dan ir-riżultat ftit li xejn huwa sorpriża, u pjuttost huwa l-korollarju tan-natura u l-għan tal-azzjonijiet kollettivi għall-waqfien. Meta klawżola kuntrattwali tkun ġiet iddikjarata nulla u pprojbita fil-kuntest ta' azzjoni għall-waqfien, irid jiġi żgurat evidentement li l-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat ma għadux juża l-istess kundizzjonijiet ġenerali, inkluż il-klawżola meqjusa inġusta, f'ebda wieħed mill-kuntratti tiegħu. Jekk le, l-azzjonijiet għall-waqfien previsti fl-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 93/13 ikunu mċaħħda mill-effett utli tagħhom.

79. Fil-punt 40 tas-sentenza Invitel, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ġustament li l-applikazzjoni ta' sanzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta fir-rigward tal-konsumaturi kollha li, mal-bejjiegħ jew fornitur, ikkonkludew kuntratt ta' konsum li fir-rigward tiegħu japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali "tiggarantixxi li dawn il-konsumaturi ma jkunux marbuta bl-imsemmija klawżola"[75], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant għamlet riferiment għal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, li jimponi fuq l-Istati Membri, skont kliem il-Qorti tal-Ġustizzja li "jisiltu l-konsegwenzi kollha" li jirriżultaw skont il-liġi nazzjonali, minn konstatazzjoni dwar in-natura inġusta ta' klawżola ta' kundizzjonijiet ġenerali, sabiex il-konsumaturi ma jkunux marbuta bl-imsemmija klawżola[76].

80. Fil-fehma tiegħi, ftit li xejn hemm dubju li din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi trasposta għall-każ preżenti.

81. Fil-motivazzjoni tal-konklużjoni tagħha, fis-sentenza Invitel[77], il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment espliċitu għall-punti 57 sa 61 tal-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali li, min-naħa tiegħu, esprima "oġġezzjonijiet serji" fir-rigward tal-effett *erga omnes* fil-konfront tal-bejjiegħa jew fornituri li ma pparteċipawx fil-proċedura tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola kkontestata, preokkupazzjonijiet li jiena naqbel magħhom kompletament[78].

82. Barra minn hekk, il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li wasslet għal dik is-sentenza, jiġifieri l-estensjoni tas-sanzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta fir-rigward tal-konsumaturi li kkonkludew mal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat kuntratt ta' konsum li għalih japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali, kienet manifestament differenti minn dik imressqa mill-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, li tirrigwarda l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet pekunjarji fuq il-bejjiegħa jew fornituri li ma pparteċipawx fil-proċedura ta' kontroll *in abstracto*.

83. Għalhekk, ma jidhirlix li interpretazzjoni wiesgħa tal-portata tas-sentenza Invitel[79], b'mod li tkopri leġiżlazzjoni li tipprevedi li jkun hemm effett *erga omnes* fir-rigward ta' kull bejjiegħ jew fornitur li ma jkunx ipparteċipa fil-proċedura, hija ġġustifikata u hija, fi kwalunkwe każ, ftit li xejn konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bejjiegħ jew fornitur[80].

74 — Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 44).

75 — Sentenza tas-26 ta' April 2012 (C-472/10, EU:C:2012:242).

76 — Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 42).

77 — Sentenza tas-26 ta' April 2012, Invitel (C-472/10, EU:C:2012:242, punt 39).

78 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 60 tal-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Invitel (C-472/10, EU:C:2011:806), fejn din tal-aħħar tirrileva: "[E]ffett erga omnes rigward persuni li ma pparteċipawx fil-proċedura jkun diffiċli li jiġi rrikonċiljat mar-rekwiżiti għal smigħ xieraq, speċjalment peress li dawk ikkonċernati ma jibbenefikawx mill-opportunità li, qabel ma tingħata deċiżjoni li tikkonċernahom, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-ilment ibbażat fuq l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti li huma jikkonkludu. Id-dritt għal smigħ […] ma jkunux irrispettat b'mod xieraq fil-każ ta' effett erga omnes li jgħodd b'mod indiskriminatorju fir-rigward ta' individwi li ma pparteċipawx fil-kawża, u għaldaqstant, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tkunx xierqa fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13".

79 — Sentenza tas-26 ta' April 2012 (C-472/10, EU:C:2012:242).

80 — Ara, għal dak li jikkonċerna d-dritt għal smigħ tal-bejjiegħ jew fornitur, il-punti 58 sa 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2009/22

84. L-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 li jiena nipproponi ma tistax tkun affettwata mill-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22, li għalihom għamlet riferiment il-qorti tar-rinviju fl-ewwel domanda preliminari tagħha.

85. Id-Direttiva 2009/22 li tirrigwarda l-azzjonijiet kollettivi ta' inibizzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi għandha l-għan li tiżgura l-effett sħiħ ta' ċertu numru ta' direttivi, inkluża d-Direttiva 93/13, u b'mod partikolari, li tiġġieled il-ksur fi ħdan l-Unjoni [81].

86. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(1)(a) sa (ċ) tad-Direttiva 2009/22 jimponi fuq l-Istati Membri biex jinnominaw il-qrati jew awtoritajiet amministrattivi kompetenti sabiex jiddeċiedu fuq ir-rikorsi kollettivi ppreżentati mill-entitajiet ikkwalifikati fis-sens tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intiżi, *inter alia*, li jwaqqfu kull att li jmur kontra d-Direttiva 93/13, sabiex jiksbu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew ta' stqarrija korrettiva u sabiex jikkundannaw lill-konvenut tellief sabiex iħallas somma lit-teżor pubbliku jew lill kull benefiċjarju nominat mid-dritt nazzjonali, f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

87. Għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni bejn id-Direttiva 2009/22 u d-Direttiva 93/13, l-ewwel waħda hija komplementari fir-rigward tal-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 93/13 li jirrigwardaw ukoll l-azzjonijiet għall-waqfien [82].

88. Jien ma nara ebda indikazzjoni, la fit-test tad-Direttiva 2009/22 u lanqas fix-xogħol preparatorju tagħha [83], fis-sens li l-Istati Membri huma awtorizzati jagħtu lid-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-azzjonijiet imsemmija f'din id-direttiva effett *erga omnes* fil-konfront tal-bejjiegħa jew fornituri li ma jkunux ipparteċipaw fil-proċedura għall-waqfien. Kieku dan kien il-każ, id-Direttiva 2009/22 tiġi tisboq is-sistema stabbilita mid-Direttiva 93/13, li din l-ewwel direttiva hija intiża li tikkompleta, ħaġa li wieħed ma jistax jippreżumi fin-nuqqas ta' rieda espressa tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

89. L-emendar tad-dritt tal-Unjoni b'mod li jippermetti lill-Istati Membri jestendu l-effetti tad-deċiżjonijiet li jiddikjaraw klawżola kuntrattwali bħala inġusta fir-rigward ta' "kuntratti analogi", ġie madankollu ttrattat taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni [84]. Issa, dan ma jagħmilx ħlief jikkonferma li tali soluzzjoni ma hijiex possibbli fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri fil-kuntest tad-direttivi 93/13 u 2009/22.

81 — Jiġifieri l-ksur li jipproduċi effetti fi Stat Membru barra dak li minnu huma joriġinaw. Ara, b'mod partikolari, il-premessi 3 sa 7 tad-Direttiva 2009/22 u *Green paper fuq l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja u s-soluzzjoni tal-kwistjonijiet tal-konsumaturi fis-suq uniku* [KUMM(93) 576 finali], Kapitolu III.B.2. Skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2009/22, l-azzjonijiet għall-waqfien, imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandhom l-għan li jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi inklużi fl-atti tal-Unjoni elenkati fl-Anness I tal-istess direttiva, li jsemmi, fil-punt 5, id-Direttiva 93/13.

82 — In-nota 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/22 issemmi wkoll li d-Direttiva 93/13 tinkludi "dispożizzjonijiet speċifiċi dwar inġunzjonijiet". Ara wkoll il-punti 72 sa 76 ta' dawn il-konklużjonijiet għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 93/13.

83 — Id-Direttiva 2009/22 tidħol fil-linja tad-Direttiva 98/27, li hija bbażata fuq il-*Green paper fuq l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja u s-soluzzjoni tal-kwistjonijiet tal-konsumaturi fis-suq uniku* [KUMM(93) 576 finali].

84 — Ara r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2012, li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi [KUMM(2012) 635 finali, parti 5.1(b), punt 2], fejn hemm indikat, fir-rigward tal-"bidliet possibbli fil-qafas legali", li "[m]eta klawżola kuntrattwali tiġi ddikjarata illegali, l-effett ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż għal kuntratti kollha simili, kemm li hemm fil-preżent u kemm dawk li għad isiru". Jirriżulta madankollu mill-parti 4.4 ta' dan l-istess rapport li d-deċiżjonijiet għall-waqfien għandhom, fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, *effett relattiv*, jiġifieri għandhom saħħa vinkolanti biss fil-kawża inkwistjoni kontra l-partijiet fil-kawża. Ara wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Novembru 2008, li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inġunzjonijiet għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi [KUMM(2008)756 finali, partijiet 25 sa 27].

## V – **Konklużjoni**

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari magħmula mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie VI Wydział Cywilny (qorti tal-appell ta' Varsavja, sezzjoni ċivili, il-Polonja) kif ġej:

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 93/13/KE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, moqrija flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-impożizzjoni ta' multa fuq il-bejjiegħ jew fornitur li, fil-kuntratti mal-konsumatur tiegħu, juża klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li jitqiesu li huma ekwivalenti għall-klawżoli diġà meqjusa inġusti u diġà mniżżla, minħabba f'hekk, f'reġistru pubbliku, meta dan il-bejjiegħ jew fornitur ma jkunx ipparteċipa fil-proċedura li wasslet għall-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli li jinsabu fir-reġistru.